2025/1768

2.9.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1768

tas-7 ta' Mejju 2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/803 fir-rigward tar-regoli ta' proċedura għall-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu imposti multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-forniturі ta' tape konsolidat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 38k(10) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/803 ([2]) jispeċifika r-regoli ta' proċedura li japplikaw għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA", European Securities and Markets Authority) għall-eżerċizzju tas-setgħa li timponi multi, kif imsemmi fl-Artikolu 38h tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, jew pagamenti perjodiċi ta' penali, kif imsemmi fl-Artikolu 38i ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi ta' rapportar tad-data ("DRSPs", Data Reporting Service Providers). Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat kien limitat għal arranġamenti ta' pubblikazzjoni approvati u mekkaniżmi ta' rapportar approvati soġġetti għas-superviżjoni mill-ESMA. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat ma kienx ikopri DRSPs oħra soġġetti għas-superviżjoni mill-ESMA, inklużi forniturі ta' tape konsolidat ("CTPs", Consolidated Tape Providers). Dak il-kamp ta' applikazzjoni limitat kien dovut għan-nuqqas ta' DRSPs li jipprovdu servizzi ta' tape konsolidat fl-Unjoni u għar-rieżami pendenti tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, li ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ("ir-riforma tal-MiFIR"). Ir-riforma tal-MiFIR daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 2024.

(2) Ir-riforma tal-MiFIR neħħiet l-ostakli għall-ħolqien ta' CTPs fl-Unjoni u stabbiliet skeda ta' żmien għall-għażla u l-awtorizzazzjoni mill-ESMA ta' CTP għall-bonds, CTP għall-ishma u fondi nnegozjati fil-borża u CTP għal derivattivi barra l-borża. Fid-dawl tal-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' CTPs li jmiss, huwa meħtieġ li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2022/803 biex jiġi żgurat li jkopri t-tipi kollha ta' DRSPs soġġetti għas-superviżjoni mill-ESMA, inklużi s-CTPs.

(3) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2022/803 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda fir-Regolament Delegat (UE) 2022/803

L-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/803 huwa emendat kif ġej:

"*Artikolu 1*

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament Delegat japplika għal 'forniturі ta' servizzi ta' rapportar tad-data', jew 'DRSPs', kif definiti fl-Artikolu 2(1)(36a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, li huma soġġetti għas-superviżjoni mill-ESMA.";

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/803 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli ta' proċedura għall-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu imposti multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq rigward il-forniturі ta' servizzi ta' rapportar tad-data (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet (ĠU L, 2024/791, 8.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/791/oj)

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN